**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 252**

L-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Chris Said kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Eve Borg Bonello u l-Onor. Aaron Farrugia kienu skużati.

L-Onor. Rosianne Cutajar u l-Onor. Ian Vassallo kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 251 li saret fil-25 ta' Ġunju 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3927 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Follow-up Audit Reports by the National Audit Office – 2024 Vol. I* datat Ġunju 2024; u

P.L. 3928 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Bernice Bonello fis-Sessjoni tar-Rebbiegħa tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO li saret f'Sofia, il-Bulgarija, bejn l-24 u s-27 ta' Mejju 2024.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17976 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3929 Tagħrif dwar kunsilli lokali u kumitati reġjonali li applikaw għall-erba' skemi ta' fondi addizzjonali lill-kunsilli lokali/kumitati reġjonali li l-applikazzjonijiet għalihom għalqu u jinsabu fl-istadju li jiġu aġġudikati, maqsuma skont l-iskemi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20180;

P.L. 3930 Tagħrif dwar kunsilli lokali u kumitati reġjonali li applikaw u kkwalifikaw għat-12-il skema ta' fondi addizzjonali lill-kunsilli lokali/kumitati reġjonali li l-applikazzjonijiet għalihom ġew aġġudikati iżda għadhom ma twettqux, maqsuma skont l-iskemi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20181;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3931 Tabella li tagħti tagħrif dwar l-għadd ta' persuni residenti Wied il-Għajn li bbenefikaw minn benefiċċji soċjali u mill-in-work benefit matul l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19775;

P.L. 3932 Tabella li tagħti tagħrif dwar l-għadd ta' persuni residenti Ħal Għaxaq li bbenefikaw minn benefiċċji soċjali u mill-in-work benefit matul l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19777;

P.L. 3933 Tabella li tagħti tagħrif dwar l-għadd ta' persuni residenti Marsaxlokk li bbenefikaw minn benefiċċji soċjali u mill-in-work benefit matul l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19779;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3934 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol bejn Jannar u Mejju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17978;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3935 Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-sena 2023;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3936 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għas-sena 2023;

P.L. 3937 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi bejn Jannar u Mejju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17981;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3938 Tabella li turi l-għadd ta' każijiet riferuti liċ-Child Safety Services (CSS) fil-perjodu bejn l-2012 u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19711;

P.L. 3939 Kopja tal-Istandard Operating Procedure (SOP) għas-sistema tar-riferiment ta' każijiet liċ-Child Safety Service (CSS) maħruġa min-National School Support Services fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19715;

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3940 Lista tal-fornituri tas-servizz liċenzjati mill-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA) skont l-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani, Att Nru XXXVIII tal-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20164; u

P.L. 3941 Lista ta' djar tal-anzjani privati f'Malta li magħhom il-Gvern, permezz tal-Aġenzija Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, għandu ftehim għal xiri ta' sodod, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20167.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3942 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Aġenzija Sapport għas-sena 2023; u

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3943 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17977.

## TALBA GĦAL RULING

L-Onor. Claudette Buttigieg talbet ruling mis-Sedja dwar numru ta' mistoqsijiet parlamentari li t-tweġiba għalihom kienet li l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata għax l-ispiża biex tinġabar dik l-informazzjoni taqbeż il-cost advisory limit.

Is-Sedja ħadet nota u qalet li kienet se tagħti ruling fi stadju ulterjuri.

## KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li kellha ssir dakinhar, l-Onor. Alex Borg kien se jissostitwixxi lill-Onor. Darren Carabott.

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp l-Onor. Deo Debattista ppreżenta l-Minuti kkonfermati ta' laqgħat 1 sa 6 tal-istess Kumitat li saru bejn l-1 ta' Marzu 2023 u t-12 ta' Ġunju 2024.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. **ABBOZZ TA' LIĠI DWAR PERSUNI LI JIPPROVDU SERVIZZI TA' KREDITU U DWAR XERREJJA TA' KREDITU – ABBOZZ NRU 100**

Il-Kamra rriżumiet mill-25 ta' Ġunju 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar Persuni li Jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jerome Caruana Cilia u l-Onor. Clyde Caruana.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' qafas għar-regolamentazzjoni tax-xerrejja ta' kreditu, kif ukoll ta' persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu li jaġixxu f'isem tali xerrejja ta' kreditu, tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew ta' kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni Ewropea" nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

2. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JĦASSAR L-ORDINANZA DWAR IL-LEBBRUŻI U R-REGOLAMENTI DWAR IL-LEBBRUŻI – ABBOZZ NRU 98**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat l-Onor. Julia Farrugia Portelli ppproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg issekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julia Farrugia Portelli, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Albert Buttigieg.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex iħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi, Kap. 45, u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi, L.S. 45.01" inqara t-Tieni darba.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Inklużjoni u l-Volontarjat ipproponiet li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

3. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-VJOLENZA ABBAŻI TA' ĠENERU U VJOLENZA DOMESTIKA (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 101**

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg, f'isem il-Prim Ministru, ipproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap. 581".

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3944 Korrispondenza datata 6 ta' Ġunju 2024 mibgħuta mid-Direttorat dwar id-Dinjità Umana, l-Ugwaljanza u l-Governanza tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Kummissjoni kontra l-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika flimkien mal-konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' Malta addottati mill-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul fil-31 ta' Mejju, 2024.

Fid-diskussjoni ħadet sehem l-Onor. Rebecca Buttigieg.

Fis-6.26 p.m. id-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg ipproponiet l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 1 ta' Lulju 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika (Emenda Nru 2) | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi kkomunikata aktar tard.

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar Persuni li jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett.

Fis-6.52 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 1 ta' Lulju 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**